QORMI

**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 42** **IT-TLIETA 05 TA' OTTUBRU 2010**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 05 ta' Ottubru 2010 fis-7.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Angelo Briffa, Thomas Harmsworth, Margaret Mercieca, Jeffrey Camilleri, Bjorn Azzopardi, Dennis Zammit (7.03 pm), Simon Vella Gregory (7.07 pm) u Ralph Puli (7.10 pm).

Il-Kunsillier Jason Busuttil infurma li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba xogħol.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**42/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 41**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 41 li nżammet nhar it-Tlieta 14 ta' Settembru 2010, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija. **DOK 'A'**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur is-seba' Kunsilliera (7) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 41 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**42/02** **Il-Kunsillier Dennis Zammit** daħal għas-seduta fis-7.03pm.

**42/03** **PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**42/03/01** **Is-Sindku** nforma li l-Kunsill irċieva risposta fl-affermattiv mill-PRO Anthony Thorpe tal-Qormi Football Club dwar l-użu tal-gabbana fi Ġnien De La Cruz mill-istess klabb skont il-kundizzjonijiet imressqa mill-Kunsill.

**42/03/02** **Is-Sindku** nforma lill-Kunsill li l-bust tat-tafal u l-arma li fuqha nħadem il-monument tal-Pulizija Roger Debattista ġew mgħoddija lis-Supretendent ta' l-Għassa ta' Ħal Qormi.

**42/04** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' SETTEMBRU 2010**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2010, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti.

**DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru
**b)** Bank Payments Settembru 2010
**c)** Petty Cash Settembru 2010

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda.

**Ivvutaw Favur** it-tmien Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**42/05** **Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** daħal għas-seduta fis-7.11 ta' **filgħaxija.**

**42/06** ***TENDER CLEANING SERVICES COUNCIL PREMISES & LIBRARY***

Is-Sindku ressaq u qara r-rapport dwar is-sejħa għat-tindif tal-bini tal-Kunsill u tal-Libreriji li għaliha ntefgħet offerta. Is-sejħa dehret skont ir-regolamenti fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Settembru u fil-Gazzetta *The Malta* Independent ta' nhar it-8 ta' Settembru. Mar-rapport ressaq ukoll ix-*Schedule of Rates* ta' din l-offerta.**DOK 'C'**

**Il-Kunsill** iddiskuta r-rata offruta f'din is-sejħa fejn innotaw li l-persuna ħadmet dejjem b'mod sodisfaċenti fil-Kunsill u qatt ma kien hemm xi problemi tul ix-xogħol li nħadem.

Is-Sindku ppropona u rrikmanda l-approvazzjoni tal-offerta ta' Sebastiana k/a Bessie Tanti, sabiex il-kuntratt jingħata lilha.

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat din il-mozzjoni.

**Ivvutaw favur id-disa' (9) Kunsilliera preżenti**.

**Il-Kunsill unanimament qabel** li l-Kuntratt ta' Cleaning Services for Council Premises and Library jingħata lis-sinjura Sebastjana Tanti.

42/07 **Il-Kunsillier Ralph Puli** daħal għas-seduta fis-7.11 ta' filgħaxija.

42/08 **MOZZJONI 107/2010 (V) SERATA MUŻIKO-LETTERARJA INAWGURAZZJONI STATWA SAN PAWL**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina,** f'isem il-Kunsillier Jason Busuttil ressaq il-Mozzjoni 107/2010 dwar l-organizzar ta' serata mużiko letterarja għall-inawgurazzjoni ta' l-istatwa ta' San Pawl wara x-xogħol ta' restawr li sar fuqha: **DOK 'D'**

"Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' €1200 sabiex tiġi organizzata Serata Mużiko-Letterarja fl-okkażjoni tal-Inawgurazzjoni tal-Istatwa ta' San Pawl, li se tinżamm fi Triq il-Kbira nhar il-Ġimgħa 15 ta' Ottubru 2010, lejlet l-attivita' Kulturali 'Lejl f'Casal Fornaro'

Din l-ispiża tkopri l-ispejjeż tal-P.A. System u Orkestra li se titqabbad għall-okkażjoni."

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat il-mozzjoni.

Is-Sindku fisser li minħabba li Segretarji parlamentari Dr. Chris Said u Mario Demarco, ma kienux jistgħu jattendu, kif ukoll id-Direttur Ġenerali Martin Bugelli, kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jistieden lill-Kummissarju Ewropew John Dalli, bħala Qormi u bħala l-ewwel stedina li l-Kunsill qatt għamel. Il-Kunsilliera kienu mfakkra sabiex jiltaqgħu fil-Kunsill fis-sitta u nofs ta' fil-għaxija tal-Ġimgħa, sabiex jilqgħu lill-Kummissarju John Dalli, kif ukoll lill-mistednin l-oħra għal din l-attivitita'.

**Ivvutaw favur l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti**.

**Il-Kunsill unanimament qabel** mal-mozzjoni 107/2010 u ma' l-istedina tal-Kummissarju Ewropew John Dalli għall-inawgurazzjoni tar-restawr ta' l-istatwa ta' San Pawl fi Triq il-Kbira. Sar qbil ukoll li titwaħħal irħama ta' kommemorazzjoni għal dan ix-xogħol ta' restawr li l-Kunsill għamel fuq l-istatwa ta' San Pawl.

**42/09** **SEJĦA MILL-ĠDID TAT-TENDER GĦALL-KIOSK (GABBANA)**

**Is-Sindku** ressaq mill-ġdid għall-attenzjoni tal-Kunsill id-dokument Kundizzjonijiet għall-Kiri tal-Kiosk fil-Ġnien De La Cruz, Qormi, kif ukoll il-kuntratt tal-kera għal dan il-Kiosk. **DOK 'E'**

Is-Sindku ppropona li taħt Kundizzjonijiet Ġenerali, nota nru. 2, Offerti li jkunu anqas minn Euro 2330,00 fis-sena ma jkunux ikkunsidrati, tinbidel għal Offerti li jkunu anqas minn Euro 1000,00 fis-sena ma jkunux ikkunsidrati. U jiżdiedu l-kliem: Għaqdiet/NGO's jistgħu jingħataw preferenza, jekk din il-gabbana tintuża għall-għan ta' l-organizzazzjoni.

Saret diskussjoni dwar dan is-suġġeriment, u l-Kunsill unanimament qabel li dawn iż-żewġ sentenzi jiddaħħlu fid-dokument kif propost. Kien maqbul ukoll li s-sejħa għall-offerti tal-Kiosk għandha tinħareġ mill-ġdid fl-1 ta' Diċembru 2010.

**42/10** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** talbet biex skużata mill-laqgħa fis-7.30 ta' fil-għaxija.

**42/11** **KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ – OFFERTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-kwotazzjoni tax-xogħol approvat li jsir skont l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ. Ix-xogħol jinkludi *Solar Paving Tiles* għal ġnien ta' fejn hemm il-monument lill-Pulizija u għal Ġnien Bertu Hyzler, kif ukoll *solar lights* għaż-żewġ ġonna, skont kif approvat fis-seduti ta' qabel.
**DOK 'F'**

**42/12** **RAPPORTI - GREEN WARDENS F'ĦAL QORMI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapporti maħruġa mill-Authorised Officer tal-Kumitat Konġunt Ċentrali dwar is-servizz ta' Green Wardens li kienu mħaddma f'areas differenti b'mod partikulari mal-Bring-in Sites ta' Triq il-Ħandaq. **DOK 'G'**

Ir-rapporti jindikaw il-ġranet u l-ħinijiet li l-gwardjani kienu mħaddma f'dawn il-postijiet, kif ukoll l-azzjoni li ttieħdet meta seħħu l-abbużi fuq il-bring-in sites. Kien innutat li dawn l-abbużi ta' tfigħ ta' skart qed iseħħu f'ħinijiet mhux normali, u għalhekk kien maqbul li dan is-servizz jitkompla speċjalment f'dawk il-postijiet li qed ikunu abbużati.

**42/13** **Il-Kunsillier Dennis Zammit** talab li jkun skużat mill-laqgħa fis-8.05 ta' fil-għaxija.

**42/14 TIĠDID TAL-HOUSING ESTATES**

**Is-Sindku** rraporta dwar laqgħa li kellu flimkien mal-Perit William Lewis ma' Dott. Albert Buttigieg C.E.O. tal-Housing Authority, fejn kienet diskussa skema ta' *Upgrading Works in Housing Estates* li sejra titħabbar f'Jannar għall-*Housing Estates*. Is-Sindku kien infurmat li mat-tmenin elf euro se jkunu allokati fuq Ħal Qormi sabiex l-aktar xogħlijiet partikulari fil-Housing Estates, speċjalment xogħol fuq barra u l-madwar isiru *upgrading* tal-areas. Il-*Housing Authority* infurmat ukoll li kwart ta' din l-ispiża trid tmur fuq l-edukazzjoni. Is-Sindku fisser li kien ippreżentat dokument dwar il-*Housing Estates* ta' Farsina, ta' De La Cruz, ta' Pascarella u ta' fuq tal-Blat 1 fejn permezz tar-rapporti maħduma u r-ritratti ta' kull area, ingħatat stampa tal-kundizzjoni preżenti ta' dawn l-estates, u l-bżonnijiet immedjati. Il-Kunsill kien imħeġġeġ mis-C.E.O. Dott Buttigieg sabiex jitħejja rapport dwar il-ħtiġijiet bl-istimi kollha tax-xogħol li se jkun propost li jsir. **DOK 'H'**

**42/15 ATTIVITAJIET TAL-KUNSILL**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill lista ta' attivitajiet li l-Kunsill qed iħejji.

**ECO Qormi** – Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi se jerġa' jorganizza l-Kampanja Edukattiva-Ambjentali Eco Qormi. Fil-fatt għal din l-attivita' l-Kunsill organizza kompetizzjoni għall-aħjar inizzjattiva mill-Għaqdiet. Minn 64 għaqda fil-lokalita' kienu 2 biss li wrew interess, il-Qormi Girl Guides u l-Fondazzjoni Ulied Ħal Qormi. **DOK 'J1'**

**Attivitajiet fil-Lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund Memo 126-2010 -** Permezz ta' ittra/email li ntbagħtet lid-Dipartiment, il-Kunsill ippropona li tiġi organizzata Maratona tal-Football fil-Qormi Football Grounds, nhar is-Sibt 13 ta' Novembru 2010. Din il-maratona għandha tiġbor fiha teams iffurmati mill-għaqdiet lokali ta' Ħal Qormi.

Il-Kunsill qed jistenna risposta dwar l-ispejjeż involuti għal din il-maratona, bħal PA System u tokens li se jingħataw lill-parteċipanti bħala tifkira. **DOK 'J2'**

**Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011** – Il-Kunsill kien infurmat li kienu mressqa lid-Dipartiment erba' applikazzjonijiet għall-inizzjattivi ta' attivitajiet għas-sena 2011 li huma;

- Qormi Carnival Band Parade mill-Kunsill Lokali Ħal Qormi
- Festival tar-Rebbiegħa bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ,
- Lejl f'Casal Fornaro bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi
- Festival tal-Ħelu bil-kollaborazzjoni tas-Soċjeta' Filarmonika Pinto.

Dawn l-attivitajiet huma proposti li jsiru matul 2011 f'dawk ix-xhur bejn Ottubru u April. **DOK 'J3'**

**Skema ta' Għajnuna finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning Memo 52 u 93 2010, u Lista ta' Korsijiet li qed jinżammu mill-Kunsill minn Ottubru 2010-2011** – Il-Kunsill ingħata dettalji dwar il-Korsijiet Lifelong Learning, skont il-memos 52 u 93, u dettalji dwar il-korsijiet kollha li l-Kunsill se jkun qed jorganizza minn issa u matul is-sena li ġejja. **DOK 'J4'**

**42/16 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-lista ta' Korrispondenza li l-Kunsill irċieva.

**42/16/01** Tressqet il-korrispondenza dwar Viżjoni 2015 – Stedina u Programm tas-Seminar bit-tema Viżjoni 2015 li se jsir fis-6 ta' Ottubru fil-lukanda Excelsior, il-Furjana. **DOK 'K1'**

**42/16/02** Tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza mill-Kunsill lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma (KSI) dwar l-iŻbroff ta' Dranaġġ li qed iseħħ regolarment fi Triq il-Belt Valletta u Sqaq Għadira. Il-Kunsill kien infurmat mis-Sindku li tkellem dakinhar stess mal-Ing Stephen Galea St John fejn ikkonferma li l-KSI qed jagħmlu dak kollu possibli biex tittaffa din il problema, għalkemm ma jeskludix il-fatt illi f'xita qawwija dan l-iżbroff jerġa' jseħħ. **DOK 'K2'**

Is-Sindku fisser li l-Ingineer irreferi għall-problema ta' fawran tad-drena ġġ fi Triq il-Belt Valletta, fejn fisser li s-sistema tad-drenaġġ li għaddejja minn Triq Valletta kapaċi tilqa' id-drenaġġ li ġej minn lokalitajiet fil-bogħod , u jibqa' sejjer b'mod normali lejn il-*pumping station* tal-Marsa mingħajr ma jkun hemm ebda żbroff. Pero' waqt xita bil-qliel is-sistema mhux dejjem tkun tiflaħ għal dawk l-ilmijiet kollha u jsir żbroff temporarju. Dan minħabba li hemm ħafna kumnikazzjonijiet irregolari mill-bjut u btieħi privati, imqabbdin mas-sistema tad-drenaġġ tal-KSI. Dan ifisser eluf kbar ta' litri ta' ilma li mhux suppost jidħlu fis-sistema tad-drenaġġ. Barra minn dan, u specjalment wara x-xita, l-korporazzjoni ssib ħafna materjal bħal ċraret, ġebel, tiben, eċċ, li jispiċċa jeħel u jikkontribwixxi għal aktar żbroff. Fl-opinjoni tal-KSI , hemm bżonn li issir xi ħaġa biex ikun hemm infurzar fuq dawn il-kommunikazzjonijiet illegali. L-Inġineer assigura li l-ħaddiema tal-KSI kontinwament inaddfu s-sistema tad-drenaġġ bħala parti minn programm ta' manutensjoni preventiva biex dawn il-każijiet jitnaqqsu kemm jista' jkun.

Il-Kunsill qabel li dawn ir-raġunijiet, għalkemm huma realta', ma jissodisfawx bħala azzjoni u għalhekk huma inaċċettabbli. Il-Kunsill għandu jesiġi li jsir dak kollu neċessarju sabiex dan l-iżbroff jitwaqqaf darba għal dejjem, fid-dawl ta' dawn ilħafna irregolaritajiet li seħħew tul is-snin, fejn l-ilma tal-bjut jintefa fid-drenaġġ. Hemm bżonn li tittieħed

azzjoni skont kif inhuma l-affarijiet illum għax il-problema qed ibatu biha r-residenti kull fejn isir l-iżbroff.

Is-Sindku fisser li l-Ingineer qallu li anke l-KSI lesti joħorġu xi tip ta' stqarrija konġunta mal-Kunsill. Għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa li f'dan l-istadju nibqgħu naraw li nżommu relazzjonijiet tajba, almenu rieda tajba u koperazzjoni jidher li hemm min-naħa tal-KSI.

**42/16/03** *School Winter Programme at Inspire – The Foundation for Inclusion*. Tressqet din il-korrispondenza, li tinkludi talba għall-ħlas tat-trasport permezz ta'*coach* jew *mini vans* għal dawk l-istudenti li jippartecipaw minn kull skola. Il-Kunsill qabel li tintalab il-lista ta' studenti li se jattendu għal dan is-servizz qabel ma jieħu deċiżjoni. **DOK 'K3'**

**42/16/04** *Rain water in Main Street Qormi*. Il-Kunsill iddiskuta l-problema li tqajjmet minn residenta fi Triq il-Kbira, fejn qed tallega li meta sar it-tarmac tat-triq dan sar ħażin bil-konsegwenza li l-ilma tax-xita jittajjar mill-vetturi li jgħaddu u qed jgħerraq id-dar u jagħmlilha ħsara fil-bini u l-għamara. Tressaq ukoll suġġeriment sabiex it-traffiku jinbidel, u flok il-parking jgħaddu l-karozzi, u l-parking isir fuq in-naħa l-oħra. **DOK 'K4'**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill survey li kien ikkommissjonat dwar it-triq sabiex il-Kunsill ikollu dokument uffiċjali dwar il-binja ta' din it-triq, ħalli jkun f'pożizzjoni jwieġeb bil-fatti. Is-S.E. ressaq ukoll ir-risposta tal-Perit tal-Kunsill li spjega li l-allegazzjoni li t-triq hija mibnija ħażin hija nkorretta. Il-Perit fisser li:

1) Il-problema li hemm f'din il-parti tat-triq hija li m'hemmx qlib biżżejjed. Jekk wieħed jara s-*survey* jara li din l-parti hija pjanura u ma hemmx il-fejn jista' jaqleb l-ilma.

2) Is-suġġeriment li tressaq biex il-parking isir fuq n-naħa l-oħra tat-triq u l-karozzi jgħaddu min-naħa l-oħra hija possibli imma ovvjament il-Kunsill jeħtieġ iġib l-approvazzjoni ta' TM u tal-Public Transport.

3) Wara l-email dwar il-problema sar survey biex naraw kif qegħda taqleb t-triq fil-parti fejn tqajjem l-ilment. Minn dan is-survey wieħed jista' jara li t-triq hija ċatta. Id-differenza bejn livell u ieħor hija biss ta ftit millimetri.

Il-Perit ma jaħsibx li seta' jsir xi ħaġa differenti waqt li kienet qed tinbena t-triq, ħlief li seta' jsir it-tkomplija tal-culvert. Waqt ix-xogħlijiet din kienet ġiet diskussa imma l-culvert li hemm lejn Pjazza San Frangisk ma kienx jiflaħ li nżidu iktar ilma miegħu.

Il-Perit ressaq ukoll suġġeriment dwar x'jista' jsir meta l-Kunsill jibni Triq il-Blata, illi l-Kunsill jagħmel culvert minn fejn ir-rampa tas-sorijiet għal ġol-wied. Il-Perit issuġġerixxa wkoll li ssir laqgħa ma' dawn il-persuni sabiex wieħed jara eżatt x'qed jiġri u kif qed jidħol l-ilma.

Kien maqbul li l-Kunsillier Jeffrey Camilleri flimkien mal-Perit tal-Kunsill jiltqgħu ma' din ir-residenti sabiex il-Kunsill jkun infurmat dwar x'qed iseħħ eżatt, u kif qed jidħlu l-ilmijiet tax-xita.

**42/16/05** Intejjen Qawwija minn Skips f'tal-Ħlas – Tressqet il-Korrispondenza min-numru ta' residenti li ffirmaw l-istess ittra, dwar intejjen qawwija minn skips li hemm fi Triq tal-Ħlas. **DOK 'K5'**

Is-Segretarju Eżekuttiv fisser li saru diversi *site-inpsections* f'ħinijiet u ġranet differenti, u ma rriżulta l-ebda intejjen kif qed jallegaw fil-korrispondenza. Is-S.E. fisser li kien tal-fehma li dawn il-kummenti qed jitqajjmu huma intiżi sabiex il-*bins* tar-riċiklaġġ jitneħħew minn hemm, għaliex mill-għada li tpoġġew kienu ċemplu jilmentaw dwarhom. Il-Kunsill kien qabel ma' l-introduzzjoni ta' dawn il-bins, li jridu ukoll jiżdiedu, sabiex il-komunita' tħaddem is-sistema ta' riċiklaġġ li jaqbel għal kulħadd. Mhux veru li jekk imħaddma kif suppost u b'responsabbilta' jkun hemm xi forma ta' ntiena minn dawn il-bins, speċjalment meta dawn jinħaslu kull ħmistax. Għal dan il-għan fil-Kunsill illum hawn tliet iċwievet u ħeġġeġ sabiex l-istess kunsilliera jmorru on-sites u jiftħu u jaraw b'għajnejhom stess kif qed ikun użati dawn il-bins.

Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi kkonferma li mar ukoll fuq is-sit ta' Triq tal-Ħlas u ma nnota l-ebda intejjen mill-*bins*.

**42/16/06** Periklu fi Triq il-Kbira għal Triq San Sebastjan – Tqajjmet permezz ta' korrispondenza, kif ukoll mill-Kunsillier Bjorn Azzopardi dwar il-periklu għas-sewwieqa li jduru mal-pompa tal-petrol minn Triq il-Kbira għal Triq San Sebastjan, fejn qajjem talba għat-twaħħil ta' mera mal-faċċata sabiex min ikun idur mal-pompa jkun jista' jara t-traffiku li jkun ġej minn Triq San Sebastjan. **DOK 'K6'**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din il-problema tat-traffiku li joħroġ minn Triq il-Kbira għal Triq San Sebastjan u jdur mal-pompa tal-petrol u l-problema li hemm żewġ *bus-bays* faċċata ta' xulxin fl-istess triq, kienet diskussa fil-passat snin ilu f'Kunsilli oħra, fejn ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni, anzi kien maqbul li nstallazzjoni ta' mera kienet se tfisser li l-Kunsill qed japprova dak it-traffiku li joħroġ minn Triq il-Kbira u jdur mal-pompa tal-petrol biex imur fi Triq San Sebastjan. Is-S.E. stieden lill-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar dan, u jikseb l-approvazzjoni ta' sid il-proprjeta' fejn tista' teħel il-mera mal-ħajt, jew din il-mera titwaħħalx fuq arblu fuq il-bankina. Kemm-il darba il-Kunsill japprova din il-mera, titressaq it-talba lill-Transport Malta kif jitressqu t-talbiet kollha.

**42/16/07** Tressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill id-dokument Avviż Legali Fuq l-Ismijiet tal-Lokalitjiet f'Malta u Għawdex. **DOK 'K7'**

**42/17 MEMOS**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Memo 125/2010 *Code of Practice for Film Makers* li l-Kunsill irċieva dwar il-proċeduri li jridu jittieħdu mal-produtturi tal-films meta jiġu fil-lokalita' għall-ġbid ta' films. **DOK 'L'**

**42/18 LEJL F'CASAL FORNARO 2010**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni tal-attivita' Lejl F'Casal Fonaro bil-lista tat-toroq li se jingħalqu kif ukoll il-ħinijiet ta' l-egħluq tagħhom. Huwa nforma li l-attivita' mistennija ssir fit-toroq bħas-sena li għaddiet.

Il-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi talbet li tagħmel użu minn Ġnien l-Armier. Is-Sindku fisser li għandha titpoġġa kundizzjoni ma' l-użu ta' dan il-ġnien pubbliku li l-attivita' tinżamm b'security mal-ġnien u trid tieqaf mal-ħdax ta' fil-għaxija u l-ġnien jingħalaq kompletament fil-ħdax u nofs ta' fil-għaxija. Minbarra dan Triq G. Spiteri Fremond għandha tingħalaq għat-traffiku fis-sebgħa ta' fil-għaxija u mhux qabel. Il-Kunsill approva l-ħinijiet u t-toroq proposti. **DOK 'M'**

**42/19 URBAN IMPROVEMENT FUND**

Is-Sindku fakkar li kif il-Kunsill jiffirma l-ftehim mal-UIF dwar il-bini tal-Ġnien Bertu Hyzler, u jirċievi l-fondi li fadal dwar ix-xogħol tal-bankini, jinbeda dan ix-xogħol.

**42/20 AĠĠORNAMENT**

Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 9 ta' Novembru 2010 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.25 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | John Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ...................... 2010.
(Jum) (Data) (Xahar)